MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 7/2011

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi hija zzewget lill-intimat qua ragel taghha, fit-22 ta’ Mejju 2005, kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg, li ai finijiet ta’ identifikazzjoni u konferma qed jigi esebit kontestwalment ma’ dan ir-rikors promotur u mmarkat bhala Dok. JM 1;

Illi durante il-perijodu ta’ sentejn illi l-partijiet kienu gharajjes l-intimat kien jirrimarka mal-ewwel li dan iz-zmien kien kollu inutli u li kellhom jahsbu malajr ghaz-zwieg tenut kont ukoll fid-dawl ta’ dan kollu, l-inkwetudni

taghha illi l-intimat stess kien ghadu kemm hareg minn zwieg iehor li fid-dawl ta’ dritt civili gie annullat mill-Qrati taghna fuq il-karattru tieghu u l-mod ghal kollox irresponsabbli ta’ kif kien jidhol ghal certi commitments minghajr ma jizen sew u jaghraf il-pizijiet u s-sagrificcji li wiehed irid ikun lest ghalihom fil-hajja matrimonjali.

Illi dan iz-zwieg allura huwa vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b’ anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghall-intimat li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg kif ser jigi ppruvat fil-perkors tal-prezenti proceduri;

Illi in oltre l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew wahda aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi stante dan kollu, ir-rikorrenti qed thossha serjament ippregudikata fis-sitwazzjoni matrimonjali taghha prezenti u ai dawn il-motivi giet kostretta tiftah dawn il-proceduri sabiex kollox jigi regolat fil-fatt u fid-dritt;

Ghaldaqstant, jghid ghaliex l-intimat m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tikkonferma illi z-zwieg ta’ bejn il-partijiet C u A B li gie ccelebrat fit-22 ta’ Mejju 2005, huwa null u invalidu ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) u/ jew (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta, occorrendo billi wkoll jigi dikjarat illi r-rikorrenti A B kienet il-parti in buona fede ghal dan iz-zwieg;

2. Subordinatament, tordna sabiex isiru l-annotazzjonijiet fl-Att taz-Zwieg ta’ bejn il-partijiet C u A B li jirriflettu tali dikjarazzjoni gudizzjarja;

Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-ingunzjoni tal-intimat.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut attribwixxa n-nullita’ taz-zwieg ghall-vizzju tal-kunsens matrimonjali

taz-zewg partijiet fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-22 ta’ Mejju 2005 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini ta’ l-artikoli fuq imsemmija.

**Fatti**
Illi l-partijiet izzewgu civilment fit-22 ta’ Mejju 2005 wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin sentejn. Dak iz-zmien l-attrici kellha 30 sena filwaqt li l-konvenut kellu 44 sena, u kien gja separat mill-ewwel mara tieghu u wkoll kien ottjena l-annullament civili ta’ dak iz-zwieg.

Illi l-konvivenza matrimonjali ta’ bejn il-partijiet kienet wahda turbulent, kwazi mill-bidunett, u z-zewg partijiet jattribwixxu nuqqasijiet reciproci. L-attrici tghid li zewgha ma’ kienx sensittiv ghall-bzonnijiet taghha, u li kien egojist, filwaqt li l-konvenut, li jahdem sieghat twal bhala membru tal-korp tal-pulizija, jilmenta mill-fatt li martu ma kinitx tapprezza dak li kien jaghmel ghal gid taghhom. Huwa kien jahdem sieghat twal bir-rizultat li l-attrici kienet taghmel hinijiet twal waheda.

Illi matul iz-zmien is-sitwazzjoni matrimonjali aggravat b’ mod li l-partijiet ma setghux jkkonvivu aktar.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi l-Qorti, wara li ezaminat il-provi u semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, hija tal-fehema li mill-komportament taghhom wara z-zwieg, u nonostante l-fatt li l-partijiet

kellhom certu eta’ li suppost iggib maghha grad gholi ta’ maturita’ fiz-zwieg, fil-verita’ dawn kienu nkpaci li jghixu f’ unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, u dan kien ta’ ostakolu serju sabiex jizviluppaw bejniethom komunjoni ta’ hajja u mhabba; u ghalhekk tirravviza fil-konfront taz-zewg partijiet il-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel part ital-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba li z-zwieg huwa null, hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici limitatament billi tiddikjara li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-22 ta’ Mejju 2005 huwa null fil-ligi, tort taz-zewg partijiet; u tilqa’ t-tieni talba fit-termini taghha.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------